ĦAL TARXIEN

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 48/07 – nhar It-TLIETA 29 ta' Marzu 2016 fis-6.00pm**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Wasal 7:15pm* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

## AGENDA

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Aġġudikar ta' Tenders
4. Affarijiet Finanzjarji
5. Rapport mill-Kunsillieri
6. Ħwejjeġ Oħra
7. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i. Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 47/07 tat-22 ta' Frar 2016 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii. Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 2. Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, l-avukat tal-Kunsill qal li mar ikellmu personali pero s'issa għad m'għandux feedback. Sadanittant ser naħsbu biex jibda l-proċess sabiex tinħareġ tender gdida. *Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd*

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill, li tela' waħdu għal Veliko Day. Qal ukoll li kellu laqgħa mas-Sindku u mal-Kunsill t'hemm. Żied jgħid is-Sindku li waqt din il-laqgħa deher ċar li hemm bżonn li nerġgħu nirrijativaw kollox. Il-Kunsill ta' Veliko wera' x-xewqa li naħdmu fuq skambji. Saritlu wkoll proposta nistgħux naħdmu mill-att kummerċjali. Is-Sindku Paul Farrugia qal li waqt laqgħa mal-Viċi Sindku t'hemmhekk li huwa wkoll artist, ġie maqbul li jieħu ħsieb jagħmlilna l-arma tagħhom biex titqiegħed fi Ġnien Veliko. *Att vandaliku Fi Ġnien Veliko Turnovo.*

ii.i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-Proġett tal-ERDF, konna ġejna avviċinati mill-PPCD li kienu ser jiġu jagħmlu physical check kemm tal-information desk li hemm fil-pjazza off Triq Santa Tereza ta' fejn it-Tempji Neolitiċi, kif ukoll tal-Pannelli li hemm fuq is-saqaf tal-Latrina Pubblika. Sadanittant is-Sindku qal ukoll li qed jissuġġerixxi li minflokk CCTV camera ssir *alarm* imqabbda mal-għassa. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Ser nibdew niġbru kwotazzjonijiet. *Proġett ERDF 213 – rapport finali*

iii. Rigward it-turf, is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox *status quo*. *Turf tal-ground 5 aside*

iv. Rigward *it-traffic management* propost fi Triq Kurunell Mass, il-Kunsillier Luke Genuis qal li lill-Perit Testaferrata de Noto kien kellimha kemm il-darba imma mhux qed tagħtih risposti. Is-Sindku qal li TM mhux ikollna ko-operazzjoni u rispons mingħandhom. *Traffic Managment – Triq Kurunel Mas*

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-*embellishment* ta' l-area fi Triq Kurunell Mass, il-Perit kien ġie u ħa dak neċessarju biex jipproċedi bil-permess. *Ġnien Kurunell Mass*

vi. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li l-Avukat tal-Kunsill kien kellu jerġa jkellem l-Avukat li jirrappreżenta l-UNTOURS dwar l-inċident li kien seħħ fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra peress li l-assikurazzjoni kienet f'idejn l-Aġenzija UNTOURS. *Inċident monument – Avukat UNTOURS*

vii. Dwar il-meter ta' Ġnien Ovindoli s-Sindku spjega li l-Perit kien ħa ħsieb id-dokumenti nieqsa sabiex jinħareġ il-COMPLIANCE CERTIFICATE mill-MEPA imma s'issa konna għadna ma rċevejniex risposta mingħandhom. *Meter Ġnien Ovindoli*

viii. Rigward l-każ fejn l-impjegata Isabella Formosa kienet tħallset flus żejda u b'ammissjoni tagħha stess kien sar qbil mal-Ex Sindku Joseph Abela u L-Ex Seg. Eżek. Paul Pace sabiex hija ma tirritorna xejn diment li l-Awdituri ma jindunawx, is-Sindku Paul Farrugia nfurma lill-Kunsill li l-BORD TA' GVERNANZA qed jgħid li dawn għandhom jiġu rritornati. Is-Sindku qal li lest li jiftaħ kawza. Sar suġġeriment li tintbgħatilha ittra li trid tagħmel ftehim legali magħna inkella ser nipproċedu bil-Qorti. Il-Kunsill qabel unanimament. Ser inkellu lill-Avukat tal-Kunsill. *Każ ta' flus imħallsa żejda lill-impjegata Isabella Formosa*

Il-Kunsillier Ismael Dalli WASAL FI 7.15PM

ix. Rigward il-proposta ta' Bye Law sabiex l-Kunsill ikun jista' jiġbor flus miġbura mill-attivitajiet u jkunu jidhru fil-kotba tal-Kunsill biex b'hekk ikun hemm aktar kontroll, is-Sindku qal li ser nimxu fuq byelaws ta' Kunsilli oħra. BYE Law ġbir ta' flus minn attivitajiet

x. Rigward il-barrier għal quddiem il-bieb prinċipali tal-iskola, is-Sindku qal li ġibna kwotazzjoni mingħand il-ħaddied MARIO PEPLOW għall-valur ta' €230 kif ukoll kwotazzjoni oħra mingħand l-istess dwar sprall fi Triq Żejtun għall-valur ta' €115. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn it-tnejn isiru għall-valuri kkwotati. Barrier quddiem il-bieb prinċipali tal-iskola u Sprall fi Triq Żejtun

xi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-applikazzjoni li kien tefa' għall-attivitajiet tas-sena 2016 maħruġa mid-Dipartiment Gvern Lokali u li ġejna aċċettati saret żjara minn delegazzjoni barranija dwar dan u l-Kunsillier Ismael Dalli kien ukoll involut f'dawn il-laqgħat. Is-Sindku żied jgħid li hemm ċans kbir li l-laqgħa ssir f'Settembru hawn Malta. Applik. Attivitajiet 2016

xii. Il-Kunsilliera Doris Vella ppreżentat lill-Kunsill RENDIKONT tal-ħarġa. Doris Vella – RENDIKONT

xiii. Rigward il-korsijiet ta' TCTC, il-Kunsillier Frans Agius qal li dawn issa bdew. TCTC

xiv. Is-Seg. Eżek. nfurmat lill-Kunsill li l-Kuntrattur DIMBROS ma reġgħetx kelmitna dwar il-Garanzija Bankarja. Kuntrattur DIMBROS

xv. Dwar il-fatt li kien rraportat mill-Viċi Sindku li l-Kappillan kien talab li f'każ li l-Kunsill jagħmel użu mis-sala ta' Dar Nazaret kien ried iħallas, u għaldaqstant il-Kunsill kien qabel unanimament li minn issa 'l-quddiem il-permessi mhux ser jibqgħu jkunu ssussidjati imma jrid isir ħlas tal-permess fil-verita' hekk sar għaliex il-Kappillan ġie ħallas għal xi permessi li kellu bżonn. Sadanittant żied jgħid is-Sindku li tnejn min-nies staqsewh għaliex il-Kunsill kien qed jitlob dan il-ħlas. Huwa spjegalhom dan kollu t'hawn fuq imsemmi u fl-istess waqt seħaq mal-Kunsillieri li jekk xi ħadd javviċinahom u jistaqsihom huma kienu fid-dmir li jispjegaw l-istess. Ħlas ta' Permessi mill-Parroċċa

xvi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ltqajna maż-żewġ operaturi jiġifieri l-GREEN MT U GREENPAK u tlabnihom jressqu l-proposti tagħhom sal-aħħar ta' Frar 2016. Sadanittant intalbet estensjoni tal-Kuntratt attwali sakemm il-Kunsill jiddeċiedi. Kuntratt Ġbir ta' Skart Riċiklat

xvi.i Is-Sindku qal li kienu daħlu ż-żewġ proposti u kien hemm affarijiet li kienu l-istess kif ukoll oħrajn li l-kumpanija Green MT offriet iktar. Dawn kienu :-

- Kontenituri għall-ġbir tal-ħġieġ lill-Commercial Outlets;
- Ammont ta' Cash Vouchers għar-residenti li jirriċiklaw;
- Ammont fiskali bħala għajnuna lill-għaqdiet għal fuq il-magazine tal-festa;
- €500 fis-sena għal Recycle Day organizzata mill-Kunsill Lokali;

xvi.ii Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li Kontenituri għall-ġbir tal-ħġieġ lill-Commercial Outlets huwa vantaġġ kbir.

xvi.iii Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar dawn iż-żewġ offerti u ġie maqbul unanimament li peress li l-Green MT jidher li offriet aktar, il-Kunsill jagħżel li jiffirma ma' din il-kumpanija.

xvii. Is-Sindku spjega li tabelli għal tul Triq San Tumas fil-parti li tagħmel ma' Ħal Tarxien kienu ġew ordnati imma kienu għadhom ma waslux u dwar Merħba Sign fi Triq San Tumas k/m Triq Pellikani konna bgħattna lill-HSBC sabiex issir. Tabelli bl-isem Triq San Tumas

xviii. Rigward il-*pass* ta' fejn l-iskola li l-Ex Sindku Joseph Abela kien qassam lir-residenti tal-akkwata, mingħajr ma' tal-anqas kienu ffirmati minnu sabiex b'hekk ikollhom awtorita', ġie deċiż li ssir l-ittra sabiex titqassam lir-residenti. Passes fejn l-Iskola

xix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar dak li kien qalilhom fil-laqgħa preċedenti jiġifieri li konna ktibna lill-ETC u tlabna sabiex ħaddiem mill-Iskema tal-ETC jitneħħa minn Ħal Tarxien għaliex, fuq saħansitra konferma mill-ħaddiema l-oħra, dan kien qiegħed ta' kuljum jimla' tankijiet bl-ilma u dan mingħajr permess li wara kollox kien ifisser serq u agħar minn hekk, dan l-istess ħaddiem kien qed jieħu u jagħmel użu personali mill-għodda tal-Kunsill u f'ħafna każi anqas biss jirritornaha lura u dan bl-approvazzjoni tal-Ex Sindku Joseph Abela, issa sar jaf li dan il-ħaddiem minflok tkeċċa kif kienu qalulna, din il-persuna ġiet assenjata mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq. Tkeċċija – ħaddiem Skema ETC

xx. Is-Seg. Eżek. nfurmat lill-Kunsill li rigward it-talba mingħand resident sabiex issir pedestrian crossing fi Triq San Tumas din kienet intbgħatet lit-TM għall-kunsiderazzjoni tagħhom imma ma kienx għad waslet risposta. Sadanittant peress li TM qalulna li l-ispejjeż irid jgħmel tajjeb għalihom il-Kunsill, ġie ssuġġerit li nitolbu x'inhuma l-ispejjeż involuti. Pedestrian Crossing Triq San Tumas

xxi. Rigward l-ittra mit-TM mibgħuta lir-residenti ta' Triq San Franġisk dwar li t-triq tagħhom kienu ser isirulha xi xogħlijiet mill-istess TM, is-Sindku qal li kien għal darb'oħra bgħat reminder tal-ittra li hu kien bgħat lill-Onor. Ministru Joe Mizzi kif ukoll lic-Chairman Sur James Piscopo fejn reġa talabhom l-biċċa l-oħra tat-triq u talab ukoll jekk hux ser isiru s-servizzi. Qal ukoll li kien għadu bla risposta ta' xejn. Xogħol mit-TM fi Triq San Franġisk

xxii. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li x-xogħol maħsub li jsir fi Triq Palma minn TM kien jikkonsisti biss fi junction ta' triq u mhux resurfacing tat-triq. Sadanittant żied jgħid is-Sindku li s-Seg. Eżek. kienet bgħatet email lil dawk l-Entitajiet kollha konċernati dwar dati tal-festa. Is-Sindku avża wkoll li fi 30 ta' Marzu 2016 kienet ser issir site meeting ma TM u mal-kumitat tan-Nar. Xogħlijiet minn TM fi Triq Palma

xxiii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet daħlet talba sabiex issir bozza ġdida fi TRIQ IL-FIERES. Peress li dan ir-resident għandu drive-in u b'hekk il-faċċata tad-dar tiġi daqxejn irtirata l-ġewwa din il-bozza ma tistax teħel mal-faċċata. Pero il-Kunsill qabel unanimament li jekk dan ir-resident iġib approvazzjoni mingħand xi ħadd mill-ġirien tiegħu, fil-każ din il-bozza tkun tista' ssir u teħel mal-faċċata tagħhom. Bozza ġdida Triq Fieres

xxiv. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir traffic management fil-parti tat-Triq ZEJTUN ma' Triq il-KNISJA. Qed isir suġġeriment li ssir tabella mat-Traffic Island li hemm quddiem l-Ispiżerija li ma jistax idur imma jrid jibqa għaddej biċċa żgħira oħra u jdur mat-traffic island ta' iktar l-isfel u b'hekk is-sewwieq ikollu viżwali aħjar. Il-Kunsill qabel li ssir din it-tabella. Tabella – Triq Zejtun

xxv. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li niktbu lit-TM sabiex sakemm jibda x-xogħol propost fi Triq Palma, jitattew it-tabelli kollha li diġa twaħħlu relatati max-xogħol propost. Il-Kunsill qabel unanimament. Tabelli – Triq Palma

xxvi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-uffiċċju kienet waslet ittra mingħand is-Sur Joshua Mercieca mill-KUMITAT TAL FESTA sabiex jitlob lill-Kunsill il-permess għall-marċi ta' żmien il-Festa. Il-Kunsill qabel unanimament li peress li l-Kumitat tal-Festa huwa marbgħut mal-parroċċa għaldaqstant dawn iridu jħallsu għall-permessi tal-marċi. Permessi Kumitat tal-Festa

xxvi.i Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li nitkellmu mal-Kappillan biex naraw naslux x'imkien. Ma kienx hemm qbil mill-kumplament tal-Kunsillieri dwar dan.

xxvii. Is-Sindku Paul Farrugia qal li kien cempillu xi ħadd fuq il-Pageant tal-Ġimgħa l-Kbira ta Joseph Abela fejn dan staqsa għaliex il-Kunsill ma taħx permess biex jagħmilha ġewwa r-raħal ta' Ħal Tarxien bħas-snin l-imgħoddija. Kompla s-Sindku jispjega li Dan kollu paroli fieraħ u mhux VERITIER għaliex ĦADD ma kien ressaq talba lill-Kunsill Lokali għal xi permessi ta' pageant. Pageant – Joseph Abela

xxix Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħalissa fil-Kunsill tagħna kien għaddej l-AUDIT. U żied jgħid is-Sindku li jidher li hekk kif kien ġibed l-attenzjoni l-Accountant tal-Kunsill meta kien spjega l-Unaudited Financial Statements, l-Awdituri assenjati għall-Kunsill ta' Ħal Tarxien ukoll kienu nnutaw li l-ispejjeż kienu naqsu bħal fuq l-istationery, dawl, diesel, Cleaning/Skips. Kompla jispjega s-Sindku li l-Awditur kienet qed tistaqsi lis-Segretarju Eżekuttiv x'kien wassal għal dan l-infieq u sussegwentement dan it-tnaqqis. Is-Sindku żied jgħid li ovvjament kulħadd preżenti kien jaf li l-infieq kien sar mill-Ex Sindku Joseph Abela bħall-użu privat tal- Changing Rooms tal-5 aside ground tal-Kunsill mill-għaqda tiegħu speċjalment waqt żmien il-karnival bħala preparment għall-kompetizzjoni. Is-Sindku qal li Hu stess kien ippreżenta ritratti bl-affarijiet li nstabu fi changing rooms meta mar fetah u sab il-manikini fost affarijiet oħra. Hu żied li saħansitra hu stess kien irraporta li tard bil-lejl kien qed jara d-dawl f'dawn l-istess changing rooms u kien irraporta dan fil-laqgħat tal-Kunsill. Dwar l-istationery kien ukoll l-Ex Sindku li kien qed jagħmel photocopies għall-attivitajiet personali tal-għaqda tiegħu. Rigward id-diesel is-Sindku qal li ma kellux iktar xi jżid għaliex il-Kunsillieri kollha kienu jafu r-rapporti li konna ġejna mitluba nibgħatu lill-Monitoring Unit tad-Dipt. Gvern Lokali u sussegwentement lill-Bord Gvernanza. U kulħadd jaf l-eżitu. Dwar l-iskips u t-tindif kulħadd kien jaf li l-Ex Sindku kien qed jikri skips sabiex jnaddaf siti mhux responsabbilta tal-Kunsill. Apparti dan il-Kunsill kellu l-permess sabiex bil-van tal-Kunsill setgħa jmur jarmi f'wieħed mis-siti apposta u b'hekk jiffranka l-ispejjeż. A/UDIT

xxix.i Is-Sindku temm jgħid li jerġa jirrepeti dak li kien qal waqt l-ispjega tal-Unaudited Financial Statements li l-Kunsill baqa jagħmel d-dmirijiet tiegħu iżda qata' l-ispejjeż u l-infieq bla rażan u bla bżonn. Saħansitra dan irriżulta li l-Kunsill temm is-sena b'Financial Indicator ta' +33% fejn fis-sena 2014 kien spiċċa b'Financial Indicator ta' +6% u dan bi ksur tal-Liġi Finanzjara.

**3. Aġġudikar ta' Tenders**

Ġie deċiż u maqbul unanimanet li peress li kien hemm ammont ta' tenders mitfugħa u l-ħin kien qed jagħfas, dan l-*item* jiġi diskuss waqt laqgħa straordinarja apposta.

**4. Affarijiet Finanzjarji**

- **<u>Skeda ta' Pagamenti</u>**

Ġiet imressqa Skeda ta' Pagamenti Nru. 37/07 għall-fatturi ta' Marzu 2016. Din ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**5. Rapport tal-Kunsilliera**

***Rapport mis-Sindku***

Is-Sindku qal li kellu laqgħa fuq fondi Ewropej. Qal li hemm żewġ tipi ta' proġetti. Għalissa ssir biss sottomissjoni. Hemm ukoll żewġ opzjonijiet li huma jew bħala Kunsill waħedna jew Reġjonali jew anke mal-Assoċ. Tal-Kunsilli Lokali. Proġeti Fondi EU

- Huwa qiegħed jissuġġerixxi li nidħlu jew għal-proġett relatat mal-

Installar ta' Pannelli Fotovoltajċi. Qal li nistghu napplikaw għall-parking area fejn imbagħad jistgħu jsiru tipo ta' *sheds* u fuq ikun kollu Pannelli Fotovoltajċi u għalhekk niġġeneraw enerġija.

- Jew inkella qal is-Sindku nistgħu wkoll nidħlu għall-proġett relatat mal-kultura u wirt storiku. Relatat mal-Istorja imma fl-istess ħin marbugħtin ma' kummerċ u impjieg. Għalhekk il-proposta li kellu f'rasu kien marbgħut max-xelter WWII dwar l-istudju tal-ventilazzjoni u magħha jorbgħot ukoll li l-istess xelter ikun indukrat u rrinovat.

Il-Kunsill qabel unanimament li napplikaw għal dawn iż-żewġ proġetti u li nidħlu bħala Kunsill Lokali Ħal Tarxien waħdu u mhux reġjonali.

***Rapport mill-Viċi Sindku Keith Darmanin***
Il-Viċi Sindku ma kellu xejn x'jirraporta.

***Rapport mill-Kunsillier Frans Agius***
Il-Kunsillier Frans Agius ma kellu xejn x'jirraporta.

***Rapport mill-Kunsillier Lawrence Bonavia***
Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ma kellu xejn x'jirraporta.

***Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli***

i. Il-Kunsillier Ismael Dalli qal li kien attenda għal-laqgħat li saru mid-Delegazzjoni Franċiża relatata mal-URBACT.

ii. Is-Sur Dalli qal ukoll ser jipprova jagħmel ġurnata għar-riċiklar tat-tessuti.

***Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella***
Il-Kunsilliera Doris Vella qalet li l-ħarġa għall-POPEYE VILLAGE ta' nhar l-24 ta' Marzu 2016 saret U issa kienet qed titlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex ssir ikla għal jum l-omm fil-Palm Valley nhar -il 21 t'APRIL 2016. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-ikla ssir.

***Rapport mill-Kunsillier Luke Genuis***
Il-Kunsillier Luke Genuis ma kellu xejn x'jirraporta.

**5. Ħwejjeġ Oħra**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**6. Għeluq tal-laqgħa**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 20:40pm.

ii. Laqgħa oħra ser tinżamm nhar id-29 APRIL 2016 fis-6:00PM

| | |
|---|---|
| **Kav. Paul Farrugia** KLJ CMLJ | **Sna. Antonella Galea** |
| **Sindku** | **Seg. Eżek** |